# Il-Ħadd 26.10.2014

1. Matul il-lejl ta' bejn is-Sibt u l-Ħadd (25-26/10) naqilbu s-siegħa lura għall-ħin tax-xitwa.

2. Illum, il-Ħadd 26/10, Jum il-Bibbja u Jum il-Griżma tal-Isqof-
   - Fit-3:15pm tiftaħ il-knisja biex kulħadd isib postu u nilqgħu lil Mons. Lawrenz Mifsud, Delegat tal-Isqof li ġej fostna jamministra s-Sagrament tal-Griżma.
   - Fl-4:00pm tibda ċ-ċelebrazzjoni.
   - Nifirħu lit-tfal li ser jirċievu dan is-Sagrament: 14 subien u 12 bniet.
   - ***Infakkar li ma jkollniex il-Quddiesa tal-5:30pm***.

3. Il-Ħamis 30/10:-
   - Fis-7:15pm jiltaqa' il-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali.

4. Is-Sibt 1/11, **Solennità tal-Qaddisin kollha**:-
   - Tajjeb li nqaddsu dan il-jum bis-smiegħ tal-quddies, li jkun bħas-soltu.

5. Il-Ħadd 2/11, **L-Għid tal-Imwiet** - Nitolbu għal ħutna l-mejtin:-
   - Il-quddies ikun fl-istess ħinijiet tal-Ħadd: Fis-6:45am, 8:15am, 10:00am, fil-5:30pm.
   - Fil-quddiesa tal-5:30pm niftakru b'mod partikulari f'ħutna li mietu matul din is-sena, familjari u parruċċani.
   - ***Il-Quddiesa fiċ-ċimiterju li fiha jsir it-tberik tal-oqbra ser issir il-Ħadd 9/11 fl-4:00pm.***
   - ***Infakkar li matul Novembru ċ-ċimiterju jkun miftuħ mit-8:00am sal-5:00pm.***
   - ***Infakkar ukoll li matul dan ix-xahar ta' Novembru tistgħu tiġu l-Uffiċċju Parrokkjali biex tiktbu l-intenzjonijiet tal-Quddies għas-sena 2015 b'suffraġju għall-familjari, qraba, u ħbieb mejtin tagħkom.***

6. Il-Ġimgħa 14/11:-
   - Fis-7:15pm ser ikollna l-Assemblea Parrokkjali, iġifieri laqgħa dwar il-Parroċċa tagħna u l-ħidma li nagħmlu. Din issir hawn fil-Knisja stess.
     ***Qed ninfurmawkom minn issa sabiex tiġu u tagħtu l-kontribut tagħkom.***

7. Avviżi oħra:-
   - Iċ-~entru Fidi u Ġustizzja tal-Ġiżwiti, flimkien ma' l-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali ser jorganizzaw kors fuq it-Tagħlim Soċjali tal-Knisja. Dan ser ikun kull nhar ta' Tlieta fis-6.30pm, fl-Istitut Kattoliku, l-Furjana. Jibda t-Tlieta 4/11.

8. Avviż miIl-Kunsill Lokali:-
   - Il-Ġimgħa 31/10 ser tkun organizzata Ħarġa Kulturali għal 2 Mużewijiet u l-Palazz tal-Inkwiżitur. Tluq fid-9:30am mill-Pjazza u nkun lura għall-ħabta tal-4:00pm. Aktar dettalji u booking mingħand il-Kunsill sat-Tlieta 28/10.

9. Matul din il-ġimgħa daħlu:-
   - € 430 bħala ġabra speċjali li saret b'risq il-Missjonijiet;
   - Min għadu ma tax l-envelop bid-donazzjoni tal-missjoni, jekk jogħġbu jġibu u jitfgħu fl-offerti matul din il-ġimgħa sabiex inkunu nistgħu nibgħatuhom.
   - € 50 bħala donazzjonijiet għar-restawr tal-istatwa ta' San Pawl. Nirringrazzjawkom.